



Brussell, 9 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

9260/21

**Fajl Interistituzzjonali:
2019/0126(NLE)**

**AVIATION 138
RELEX 484
USA 14**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Nru. dok. preċ.: Suġġett:	ST 9905/19 Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim fir-Rigward tal-Limitazzjonijiet ta' Żmien fuq l-Arranġamenti għall-Forniment ta' Inġenji tal-Ajru bl-Ekwipaġġ bejn l-Istati Uniti tal-Amerka, l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja
	– Qbil fil-prinċipju – Adozzjoni

1. Il-Ftehim ta' hawn fuq huwa r-riżultat tal-attivitajiet ta' negozjati tal-Kummissjoni bbażati fuq mandat mogħti mill-Kunsill fil-11 ta' Mejju 2017 li permezz tiegħu l-Kummissjoni setgħet tibda negozjati mal-Istati Uniti ("US") bil-ħsieb li tibni fuq il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru ("ATA") bejn l-UE u l-Istati Uniti li ġie ffirmat fil-25 u fit-30 ta' April 2007.
2. Fil-5 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposti tagħha għal Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffirmar u dwar il-konklużjoni tal-Ftehim imsemmi hawn fuq (id-dokumenti 9901/19 u 9905/19 rispettivament).
3. Id-Deċiżjoni dwar l-iffirmar tal-Ftehim ġiet adottata mill-Kunsill fit-18 ta' Lulju 2019, u l-Ftehim ġie sussegwentement iffirmat, fi Brussell, fis-27 ta' Awwissu 2019, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

4. Id-Deċiżjoni dwar l-iffirmar tal-Ftehim u l-Ftehim innifsu ġew ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali fil-25 ta' Settembru 2019¹.
5. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Avjazzjoni eżamina l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni u laħaq qbil dwaru fil-vidjokonferenzi informali tiegħu fit-8 ta' Ottubru u fis-26 ta' Novembru 2020.
6. Wara l-eżami fil-livell ta' grupp ta' ħidma, it-test tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ġie rivedut mis-servizzi tal-ġuristi lingwisti tal-Kunsill.
7. Wara t-talba mill-Kunsill fis-7 ta' Diċembru 2020, il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fit-18 ta' Mejju 2021.
8. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jeżamina l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill kif jinsab fid-dokument tal-ġuristi lingwisti 11645/20 REV 1, u jissuġġerixxi li l-Kunsill, fil-parti "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss biex jadottah sabiex jippermetti l-konklużjoni tal-Ftehim. Mad-Deċiżjoni tal-Kunsill u l-Ftehim² hemm ukoll Memorandum ta' Konsultazzjonijiet li jinsab fid-dokument 11100/19.

¹ ĠU L 245, 25.9.2019, p. 1-6

² ST 10584/19